17 ta' Marzu 2016

**INFORMAZZJONI DWAR IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MATUL IL-ĠIMGĦA MQADDSA**

**Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej** – 20 ta' Marzu

Illum issir it-tifkira tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm. Il-Knisja tagħlaq iż-żmien tar-Randan u tibda l-Ġimgħa Mqaddsa bil-ferji tagħha u t-Tridu Solenni tal-Għid. Hija ġimgħa speċjali li matulha l-Knisja tirrifletti fuq il-misteru ewlieni tal-fidwa, li tagħlaq biċ-Ċelebrazzjoni Solenni tal-Vġili tal-Għid.

Hija drawwa antika tal-Knisja li dan il-Jum tiċċelebrah b'solennità kbira, biex tfakkar il-laqgħa li għamlu l-Lhud ta' Ġerusalemm lil Ġesù bħala s-Sultan tagħhom. Iżda l-Knisja, tara iżjed u iżjed lil Ġesù dieħel bħala s-Sultan li, bil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħu, se jirbaħ fuq id-dnub u l-mewt. Ma' Ġesù aħna mmutu biex ngħixu miegħu fil-glorja. Din il-ġimgħa, b'mod speċjali t-tlett ijiem tal-Għid, għandha tfakkarna li aħna, li fil-Magħmudija tagħna ndfinna ma' Kristu, għad inqumu miegħu wkoll fl-Aħħar Jum. Iżda biex ngħaddu mill-mewt għall-ħajja, aħna wkoll irridu nerfgħu salibna u nimxu warajh.

**Ħamis ix-Xirka filgħodu – Quddiesa taż-Żjut** – 24 ta' Marzu

Din hija l-unika Quddiesa li tiġi ċċelebrata f'Ħamis ix-Xirka filgħodu, mill-Arċisqof u mis-Saċerdoti. L-emfasi tagħha huwa fuq l-għaqda li Ġesù xtaq li jkun hemm bejn dawk li jemmnu fih, b'mod seċjali dawk li ġew afdati biex ikomplu l-ħidma tiegħu. F'din il-Quddiesa, is-saċerdoti jġeddu l-wegħdiet tal-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom b'tiġdid ta' mpenn tal-għaqda bejniethom u mal-Isqof tagħhom. Fiha wkoll jitbirku ż-żjut tal-morda u tal-katekumeni, u jiġi kkonsagrat iż-żejt tal-griżma mħallat bil-fwejjaħ. Dawn iż-żjut jintużaw fl-amministrazzjoni tas-sagramenti matul is-sena, sa Ħamis ix-Xirka ieħor.

**Ħamis ix-Xirka filgħaxija - Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej** – 24 ta' Marzu

It-Tifkira Solenni tal-Aħħar Ikla tal-Mulej tibda f'xi ħin wara nżul ix-xemx, x'ħin ikun qed joqrob il-lejl. Fiha l-Knisja tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija u l-istituzzjoni tal-qadi bħala l-ministeru ewlieni tal-Knisja wara x-Xandir tal-Kelma. Din iċ-ċelebrazzjoni fiha erba' taqsimiet:

1. Liturġija tal-Kelma

2. Ħasil tar-Riġlejn

3. Liturġija tal-Ewkaristija

4. Purċissjoni għall-post tal-Adorazzjoni

Iċ-ċelebrazzjoni tal-lum hija t-tifkira Solenni tal-Aħħar Ikla tal-Mulej. Mhix il-festa tat-twaqqif tal-Ewkaristija fiha nnifisha; din niċċelebrawha fil-Festa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej - *Corpus*. Din tal-lum hija t-tifkira tal-Aħħar Ikla fil-kuntest kollu tat-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid. Fil-fatt, il-Knisja tħeġġiġna biex l-Adorazzjonijiet li nagħmlu llum u għada, ma jkunux ikkonċentrati fuq l-Ewkaristija - illum sa nofs il-lejl biss jistgħu jsiru adorazzjonijiet solenni - iżda riflessjoni dwar dak li beda fiċ-Ċenaklu, twettaq fuq il-Golgota u sab il-qofol tiegħu fil-Qawmien nhar Ħadd il-Għid.

**Il-Ħasil tar-riġlejn**

Matul din iċ-ċelebrazzjoni jsir ukoll il-ħasil tar-riġlejn. Fi snin imgħoddija kienet norma li dan ir-rit kien iseħħ biss lil tnax-il raġel jew ġuvni. Digriet ġdid maħruġ f'isem il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, bil-fakultajiet mogħtija mill-Papa, biddel il-mod ta' min jista' jipparteċipa fil-ħasil tar-riġlejn. Fost l-oħrajn, dwar in-nies magħluża għal dan ir-rit, id-Digriet jgħid:

> *"...r-ragħajja jistgħu jagħżlu grupp żgħir ta' fidili li jirrappreżenta l-varjetà u l-għaqda ta' kull parti mill-poplu ta' Alla. Dan il-grupp żgħir jista' jkun magħmul minn irġiel u nisa, u, konvenjentement, minn żgħażagħ u anzjani, nies b'saħħithom u morda, kjeriċi, ikkonsagrati, lajċi" (Digriet 'In Missa in Cena Domini').*

Dan it-tiġdid fil-kotba liturġiċi jfakkar lir-ragħajja li huma fid-dmir *"li jgħallmu b'mod xieraq kemm lill-fidili magħżula minn qabel u kemm lill-oħrajn, biex jistgħu jieħdu sehem fir-rit b'għarfien sħiħ, attiv u li jħalli l-frott."*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**Il-Ġimgħa l-Kbira - Tifkira Solenni tal-Mewt tal-Mulej** – 25 ta' Marzu

It-Tifkira Solenni tal-Mewt tal-Mulej issir għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, biex il-fidili jifhmu li qed jgħixu mument b'mument il-ħinijiet l-iktar importanti fil-Misteru tal-Fidwa tagħna. Hija Ċelebrazzjoni Solenni li tiġi emfasizzata iktar jekk issir fil-ġabra. Ta' min jinnota li s-sempliċità ta' din iċ-ċelebrazzjoni żżid fid-drammatiċità tagħha, u hekk tgħin iktar lill-Insara jirriflettu fuq dan il-ħin għażiż fil-ħajja ta' Ġesù. Huwa għalhekk li ma jintużawx strumenti ta' mużika iżda kant bil-vuċijiet biss. Il-mumenti ta' skiet, fid-dħul u waqt li ċ-ċelebranti jimteddu mal-art, qabel ir-Rakkont tal-Passjoni, bejn talba u oħra, waqt il-wasla tas-Salib għall-Adorazzjoni, waqt l-armar tal-artal u waqt li jitwassal Ġesù Ewkaristija u fil-ħruġ, huma mezzi ta' talb u riflessjoni. Din iċ-ċelebrazzjoni fiha tliet taqsimiet:

1. Liturġija tal-Kelma u Talbiet Universali

2. Adorazzjoni tas-Salib

3. Tqarbin

**Sibt il-Għid - Vġili Solenni tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet** – 26 ta' Marzu

Il-Vġili tal-Għid wara nżul ix-xemx tas-Sibt fi dħul il-lejl. Hija Liturġija unika li l-qofol tagħha jintlaħaq fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija wara l-Liturġija tal-Kelma. Flimkien maċ-ċelebrazzjoni tal-Ħamis filgħaxija u dik tal-Ġimgħa l-Kbira, hija l-qofol tas-sena liturġika għaliex fiha l-Knisja tgħix mill-ġdid il-ġrajja tas-salvazzjoni mhux b'nostalġija jew b'tifkira ta' dak li ġara elfejn sena ilu, imma għax għadha sseħħ illum. Il-Liturġija tibda fuq iz-zuntier tal-knisja bit-tberik tan-nar u l-mixgħela tal-blandun li huwa simbolu ta' Kristu nnifsu. L-Insara jidħlu wara l-Blandun mixgħul fil-knisja mudlama u minnu jixgħelu d-dwal tagħhom u jgħaddu d-dawl lil xulxin. Wara li jitħabbar l-Għid jibda l-qari ta' siltiet mill-Kotba Mqaddsa li jwasslu bil-mod il-mod għall-mument tat-Tħabbira tal-Evanġelju, din is-sena minn San Luqa, li jirrakkonta l-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù. Wara l-omelija tibda l-liturġija tal-Magħmudija fejn biż-żewġ elementi naturali in-nar u l-ilma (imbierek bin-nar) jinħoloq l-ilma tal-Magħmudija li jagħti l-ħajja ta' Alla lil min jitgħammed bih. Din iċ-ċelebrazzjoni fiha erba' taqsimiet:

1. Tberik tan-Nar, mixgħela tal-Blandun u Tħabbira tal-Għid

2. Liturġija tal-Kelma

3. Liturġija tal-Magħmudija

4. Liturġija tal-Ewkaristija

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**